MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 67/2011

**Saviour u Gloria konjugi Farrugia**

**Vs**

**Dr George Jude Taddeo sive Teddie George u Monica konjugi Farrugia**
**Josephine armla ta’ Antonio Farrugia**

Il-Qorti,

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna, ir-rikorrenti ppremettew li huma proprjetarji tal-fond numru 49, Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex konfinanti min-nofsinhar in parti mal-fond numru 47 u 48, Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex, proprjeta’ ta’ l-intimati. Premettew ukoll li l-intimati huma proprjetarji wkoll tal-fond numru 54 maghruf bhala ‘Ta’ Serafina’, Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex li jigi fuq in-naha tat-tramuntana tal-fond 49 proprjeta’ tar-rikorrenti. Huma allegaw li twahhlu numru

ta’ wires minn fuq ic-cinta u l-faccata tal-proprjeta’ taghhom mill-intimati jew minn persuni inkarigati minnhom. Ghalhekk ir-rikorrenti talbu lil din il-qorti:

1. tiddikjara li l-fond bin-numru 49, Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex proprjeta’ tar-rikorrenti konjugi Farrugia m’huwa soggett ghal ebda servitu’ ta’ moghdija ta’ wires jew affarijiet ohra ancillari a favur tal-fondi bin-numri 47, 48 u 54 ‘Ta’ Serafina’, Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex, proprjeta’ ta’ l-intimati;

2. tiddikjara wkoll li l-intimati m’ghandhom l-ebda dritt li huma jaccedu ghall-bejt tal-proprjeta’ tar-rikorrenti jew xi parti ohra tal-proprjeta’ tar-rikorrenti konjugi Farrugia;

3. tordna lill-intimati sabiex f’terminu qasir u perentorju stabilit mill-istess qorti huma jaqilghu l-wires kollha u affarijiet ohra ancillari ghall-istess wires li hemm ghaddejjin minn fuq ic-cinta u/jew il-faccata tal-proprjeta’ jew xi parti ohra tal-proprjeta’ tar-rikorrenti konjugi Farrugia u jirripristinaw il-proprjeta’ ghall-istat originali taghha; u fin-nuqqas tawtorizza lill-istess rikorrenti sabiex jaghmlu dawn ix-xogholijiet huma stess a spejjez ta’ l-intimati, okkorrendo taht in-nomina ta’ Perit nominat minn din l-Onorabbli Qorti ghal tali fini;

4. tinibixxi lill-intimati milli jidhlu fuq il-bejt jew xi parti ohra tal-proprjeta’ tar-rikorrenti konjugi Farrugia.

Rat li l-konvenuti fis-27 ta’ Settembru 2011 prezentaw nota li biha ammettew it-talbiet attrici u talbu zmien tlett (3) xhur sabiex jesegwixxu x-xogholijiet mehtiega a tenur tat-talbiet attrici.

Rat li fis-seduta tas-27 ta’ Ottubru 2011 Dr Carmelo Galea ghar-rikorrenti iddikjara li x-xogholijiet li fil-fatt kienu mehtiega li jsiru min-naha tal-konvenuti llum saru u fil-fatt prezenta nota ta’ cessjoni fir-rigward tat-tielet talba.

Dr Galea pero’ insista ghal sentenza fuq it-talbiet l-ohra kif ukoll fuq l-ispejjez tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum in difetto ostakolo.

Rat li Dr Alfred Grech ghall-konvenuti gie notifikat bil-verbal tas-seduta tas-27 ta’ Ottubru 2011.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti ammettew it-talbiet attrici bl-uniku kundizzjoni li jinghataw zmien sabiex jaghmlu x-xogholijiet mehtiega. Kif dikjarat mir-rikorrenti dawn ix-xogholijiet illum saru.

Mix-xhieda tar-rikorrenti kif ukoll mid-dokumenti ezebiti rrizulta li l-partijiet ilhom ghaddejjin b’diversi kwistjonijiet matul dawn l-ahhar snin u li r-rikorrenti kellhom ghal diversi drabi jirrikorru ghal proceduri gudizzjarji kontra l-intimat jew intimati sabiex jissalvagwardjaw id-drittijiet taghhom.

Illi huwa ghalhekk opportun li ladarba l-istess intimati qeghdin jirrikonoxxu li r-rikorrenti huma proprjetarji tal-fond numru 49, Pjazza San Frangisg, Rabat, Ghawdex din il-qorti, in vista tal-fatt li din mhix l-ewwel darba li l-intimati dahlu fi proprjeta’ tar-rikorrenti minghajr awtorizzazzjoni ta’ l-istess, tordna wkoll lill-intimati sabiex ma jidhlux fuq il-bejt jew xi parti ohra tal-proprjeta’ tar-rikorrenti Farrugia.

Illi dwar l-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati interament mill-intimati ghaliex dawn il-proceduri setghu facilment jigu evitati tenendo kont li r-rikorrenti kienu interpellaw lill-istess intimati qabel il-kawza.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi din il-qorti taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi:

1. Tilqa’ l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-fond bin-numru disgha u erbghin (49), Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex proprjeta’ tar-rikorrenti konjugi Farrugia m’huwa soggett ghal ebda servitu’ ta’ moghdija ta’ wires jew affarijiet ohra ancillari a favur tal-fondi bin-numri sebgha u erbghin (47), erbgha u tmenin (48) u erbgha u hamsin

(54) ‘Ta’ Serafina’, Pjazza San Frangisk, Rabat, Ghawdex, proprjeta’ ta’ l-intimati;

2. Tilqa’ t-tieni talba attrici u tiddikjara wkoll li l-intimati m’ghandhom l-ebda dritt li huma jaccedu ghall-bejt tal-proprjeta’ tar-rikorrenti jew xi parti ohra tal-proprjeta’ tar-rikorrenti konjugi Farrugia;

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet talba attrici stante li giet ceduta wara li l-intimati wettqu x-xogholijiet mehtiega.

4. Tilqa’ r-raba’ talba u tinibixxi lill-intimati milli jidhlu fuq il-bejt jew xi parti ohra tal-proprjeta’ tar-rikorrenti konjugi Farrugia.

Bl-ispejjez kollha a karigu ta’ l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------